MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 653/2004

**Oscar u Ludgarda konjugi Mizzi**

**Vs**

**Joseph u Mary Cordina Zammit**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Marzu 2004 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta' Lm550 (hames mija u hamsin lira Maltin) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz model aircraft li gie mibjugh u kkonsenjat.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Thallas is-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltin (Lm550) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan l-Onorabbli Tribunal, bilanc minn somma akbar, rapprezentanti il-prezz ta' model aircraft li gie mibjugh u kkonsenjat lilek.

Bl-ispejjez, inkluz ta’ zewg ittri interpellatorji, wahda minnhom datata 10 ta’ Marzu 2004 u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi l-ammont mitlub mill-atturi huwa eccessiv stante illi l-bilanc attwalment dovut huwa ta’ Lm226.80.

Illi in subsidju u minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-kawza hija ntempestiva stante illi kien hemm qbil bejn il-partijiet illi l-konvneut ihallas permezz ta’ diversi pagamenti meta jkun komdu u fi kwalunkwe kaz, permezz ta’ ittra registrata tat-23 ta’ Marzu 2004, l-esponenti kien informa lid-difensur tal-atturi illi huwa kien lest illi jhallas is-somma bilancjali ta’ Lm226.80 u li f’kaz illi ma kienux ser jigu accettati, huwa kien ser jiddepozithom taht l-Awtorita` tal-Qorti, izda l-esponenti ma’ rcieva ebda risposta ghal din l-ittra, anzi tlett ijiem wara nfethet din il-kawza u ghalhekk fi kwalunkwe kaz, l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi negozju bejn zewgt ihbieb u dilettanti ta' immuntar ta' mudelli ta' ajruplani wassalhom f'disgwid fejn kellhom jirrikorru lejn dan it-Tribunal ghas-soluzzjoni forzata tieghu.

Mhux kontestat mill-konvenut li l-attur importa ajruplan bi flusu mill-Germanja. Li huwa kontestat l-ammont attwalment dovut.

Jirrizulta li kien hemm arrangament kummercjali bejniethom fejn l-attur jiffinanzja l-importazzjoni ta' mudelli u jigu mmuntati mill-konvenut u jinbieghu lil terzi. Kull parti tippretendi li kien dovut lilha l-profitt li kien isir.

L-attur ghax hareg il-flus u l-konvenut ghax hadimhom hu. Inoltre tirrizulta diskrepanza fuq pagament li suppost sar f'isem il-konvenut fl-ammont ta' mija u ghaxar Liri (Lm110). Marvic Baldacchino tikkonferma dan il-pagament; l-attur jinnega.

Rinfaccjat b'dawn l-pretensjonijiet, it-Tribunal jafferma li filwaqt li l-konvenut ma jistax jippretendi li jalloka l-profit kollu ghalih, lanqas ma l-attur ma jista jesigi li jzomm l-profitt ghalih biss. L-attur jsostni li t-tlett negozji kienu indipendenti minn xulxin, il-konvenut jesigi li kienu inter konsiljabbli.

Li huwa cert huwa n-nuqqas ta' qbil bejn zewg hbieb li jipprattikaw l-istess delizju. Ovjament ma jsir xejn bil-miktub. Jibqa il-pagament li sar minn Marvic Baldacchino. Vera li hija l-partner tal-konvenut pero' t-Tribunal ma jistax jara ghalfejn kien ikollha tigdeb. Ovjament f'kaz bhal dan la jsiru u wisq anqas jintalbu rcevuti fuq pagament ta' mija u ghaxar Liri (Lm110). L-oneru tal-pagament huwa fuq min jallega mhux min jircievi. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ser jigi accettat li l-pagament sar lill-attur. In kwantu ghal likwidazzjoni tal-ammont talvolta dovut lill-attur ghandhu jirrizulta s-segwenti:

<u>Dovut lill-attur</u>:-

| | | |
|---|---|---|
| 1) il-mudell | ______________ | Lm562.14 |
| 2) opto isolators | ______________ | Lm 45.86 |
| | | ________ |
| | | Lm608.00 |

<u>Dovut lil konvenut:</u>-

Tnaqqas:

| | | |
|---|---|---|
| 1) | pagament minn Marvic Baldacchino – | Lm110.00 |
| 2) | nofs il-profit fuq l-ewwel mudell | Lm 70.80 |
| 3) | nofs il-profitt fuq it-tieni mudell | Lm 64.80 |
| ____________ | | |
| | | Lm245.60 |

Attur - Lm608.00
Konvenut - Lm245.60
Bilanc - Lm362.40

Dan l-esercizzju sar anki bi skop ta' ekwita il-partijiet in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Relattivament ghal kap tal-ispejjes, jigi rilevat illi ghalkemm il-konvenut kien qed isostni li huwa debitur f'ammont anqas, dan ghalkemm ippropona li kien ser jiddepozita l-ammont taht l-awtorita tal-Onorabbli Qorti huwa naqas li jghamel dan. Il-kap tal-ispejjes ser jigu akkordati terz (1/3) ghall-attur u zewg terzi (2/3) ghal konvenut, anki in vista tal-fatt li l-ammont akkordat huwa anqas minn dak mitlub izda ghola minn dak ammess u koncess.

Jiddeciedi billi jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija tnejn u sittin Lira u erbghin centezmu (Lm362.40) bl-interessi mis-26 ta' Marzu 2004 spejjes terz ghall-attur u zewg terzi ghal konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------